SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

14 ta' Mejju 2013 *

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali fluege.de — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Karattru distintiv miksub mill-użu — Artikolu 7(1)(b) u (c), Artikolu 7(2) u Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"

Fil-Kawża T-244/12,

Unister GmbH, stabbilita f'Leipzig (il-Ġermanja), irrappreżentata minn H. Hug u A. Kessler-Jensch, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn D. Walicka, bħala aġent,

konvenut,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Marzu 2012 (Każ R 2149/2011-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali fluege.de bħala trade mark Komunitarja,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn N. J. Forwood, President, F. Dehousse (Relatur) u J. Schwarcz, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Mejju 2012,

wara li rat ir-risposta ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Settembru 2012,

wara li rat li l-partijiet ma ressqux talba għall-iffissar ta' seduta fi żmien xahar min-notifika tal-għeluq tal-proċedura bil-miktub u wara li għaldaqstant iddeċidiet, fuq rapport tal-Imħallef Relatur u skont l-Artikolu 135a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li tiddeċiedi mingħajr il-fażi orali tal-proċedura,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fis-27 ta' Jannar 2011, ir-rikorrenti, Unister GmbH, ippreżentat applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja quddiem l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal verbali fluege.de.

3 Il-prodotti u s-servizzi li fir-rigward tagħhom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu fil-klassijiet 25, 28, 35, 39, 41 u 43 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat.

4 Fost dawk il-prodotti u s-servizzi, huma biss is-servizzi li jaqgħu fil-klassijiet 35, 39 u 43 u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja (iktar 'il quddiem is-"servizzi kkontestati") li huma s-suġġett ta' dan ir-rikors:

— Klassi 35: "Reklamar; il-ġestjoni ta' negozju; l-amministrazzjoni ta' negozju; funzjonijiet ta' uffiċċju";

— Klassi 39: "Trasport; l-ippakkjar u l-ħażna ta' oġġetti; arranġamenti għall-ivvjaġġar";

— Klassi 43: "Servizzi għall-provvista ta' ikel u xorb; akkomodazzjoni temporanja".

5 Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Awwissu 2011, l-eżaminatur ċaħad l-applikazzjoni għal trade mark skont l-Artikolu 7(1)(b) u (c) u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009, għas-servizzi kkontestati, minħabba li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienet deskrittiva u nieqsa minn karattru distintiv.

6 Fis-17 ta' Ottubru 2010, ir-rikorrenti ppreżentat appell quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009, kontra d-deċiżjoni tal-eżaminatur.

7 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Marzu 2009 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), l-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI ċaħad ir-rikors minħabba li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienet deskrittiva u nieqsa minn karattru distintiv.

It-talbiet tal-partijiet

8 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

9 L-UASI jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

10 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka essenzjalment tliet motivi bbażati l-ewwel nett, fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, it-tieni nett, fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tal-istess regolament, u t-tielet nett, fuq il-karattru distintiv miksub permezz tal-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009

11 Ir-rikorrenti tikkontesta l-konklużjoni tal-Bord tal-Appell li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija deskrittiva. Il-kelma "fluege" hija kompożizzjoni verbali estranja għal-lingwa Ġermaniża, li fiha biss il-kelma "Flüge" li fiha tinsab l-ittra "ü", li għandha bħala konsegwenza li, minħabba l-ortografija mhux tas-soltu tal-kelma "fluege", il-konsumatur medju jista' jara, fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, indikazzjoni ta' oriġini kummerċjali.

12 Ir-rikorrenti tikkunsidra li l-konsumatur medju huwa mdorri li jsib, inkluż f'domain tat-tieni livell derivat minn terminu ġeneriku, portal tal-internet operat minn fornitur kummerċjali wieħed. F'dan il-każ, il-kelma "fluege" lanqas ma hija ġenerika, meta wieħed jikkunsidra l-ortografija mhux tas-soltu tagħha. L-UASI ma kkunsidrax li, mill-2004, kien possibbli li jiġu rreġistrati ismijiet ta' domains b'karattri speċjali bħalma hi l-ittra "ü".

13 Anki jekk il-pubbliku rilevanti kellu jifhem it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni fis-sens ta' isem ta' domain li jirreferi għal indirizz tal-internet Ġermaniż li fih offerti għal titjiriet, is-servizzi kkontestati ma għandhom l-ebda relazzjoni, jew ma għandhomx relazzjoni suffiċjenti, ma' offerti għal titjiriet. Ma jidhirx li jeżisti, f'dan il-każ, rekwiżit ta' disponibbiltà skont l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.

14 L-UASI jikkontesta l-pożizzjoni tar-rikorrenti.

15 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 għandhom jiġu rrifjutati trade marks li "jikkonsistu esklussivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw fil-kummerċ sabiex jindikaw ix-xorta, il-kwalità, il-kwantità, l-użu intenzjonat, il-valur, l-oriġini ġeografika jew il-ħin ta' produzzjoni tal-prodotti jew ta' meta ngħata s-servizz, jew karatteristiċi oħrajn tal-prodotti jew servizzi". Barra dan, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi li l-"paragrafu 1 għandu japplika minkejja li r-raġunijiet li jwasslu biex trade mark ma tiġix reġistrata japplikaw biss f'parti tal-Komunità".

16 Skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprojbixxi li sinjali jew indikazzjonijiet li jaqgħu taħtu jkunu riżervati għal impriża waħda minħabba r-reġistrazzjoni tagħhom bħala trade mark. Din id-dispożizzjoni ssegwi għan ta' interess ġenerali, li jeżiġi li tali sinjali jew indikazzjonijiet jistgħu jiġu użati liberament minn kulħadd [is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Ottubru 2003, UASI vs Wrigley, C-191/01 P, Ġabra p. I-12447, punt 31; is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2002, Ellos vs UASI (ELLOS), T-219/00, Ġabra p. II-753, punt 27, u tas-7 ta' Lulju 2011, Cree vs UASI (TRUEWHITE), T-208/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 12].

17 Minbarra dan, sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, sabiex jidentifikaw karatteristiċi ta' prodott jew servizz li għalih qed issir applikazzjoni għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, huma magħrufa li huma inkapaċi li jeżerċitaw il-funzjoni essenzjali tat-trade mark, jiġifieri dik li tidentifika l-oriġini kummerċjali tal-prodott jew tas-servizz, sabiex b'hekk tippermetti lill-konsumatur li jakkwista l-prodott jew is-servizz kopert mit-trade mark, sabiex jerġa'

jagħmel l-istess għażla f'akkwist ulterjuri, jekk jirriżulta li hija esperjenza pożittiva, jew li jagħmel għażla oħra, jekk din tirriżulta negattiva (ara s-sentenza UASI vs Wrigley, punt 16 iktar 'il fuq, punt 30 u TRUEWHITE, punt 16 iktar 'il fuq, punt 13).

18 Minn dan jirriżulta li, sabiex sinjal jaqa' taħt l-interdizzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni, hemm bżonn li jkollu rapport dirett u konkret biżżejjed mal-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni b'tali mod li l-pubbliku kkonċernat ikun jista' jipperċepixxi immedjatament, u mingħajr ebda riflessjoni oħra, deskrizzjoni tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni jew ta' waħda mill-karatteristiċi tagħhom (ara s-sentenza TRUEWHITE, punt 16 iktar 'il fuq, punt 14, u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Għandu jitfakkar ukoll li l-evalwazzjoni tal-karattru deskrittiv ta' sinjal tista' ssir biss, minn naħa, b'riferiment għall-perċezzjoni li l-pubbliku kkonċernat għandu tiegħu u, min-naħa l-oħra, b'riferiment għall-prodotti jew għas-servizzi kkonċernati [sentenzi tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2002, Eurocool Logistik vs UASI (EUROCOOL), T-34/00, Ġabra p. II-683, punt 38, u TRUEWHITE, punt 16 iktar 'il fuq, punt 17].

20 F'dak li jirrigwarda l-pubbliku rilevanti u hekk kif ġie ukoll ġustament ikkonstatat essenzjalment fil-punti 12 u 13 tad-deċiżjoni kkontestata, is-servizzi kkontestati huma indirizzati kemm lill-konsumaturi medji kif ukoll lill-professjonisti u huwa fir-rigward tal-pubbliku ta' lingwa Ġermaniża li l-evalwazzjoni tal-karattru deskrittiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija, inkunsiderazzjoni tal-elementi ta' din it-trade mark, l-iktar rilevanti. L-evalwazzjoni tal-karattru deskrittiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għandha għaldaqstant issir, ħaġa li mhux qed tiġi kkontestata mir-rikorrenti, fir-rigward tal-konsumatur medju tal-Unjoni Ewropea li jitkellem bil-Ġermaniż.

21 Hekk kif irrileva l-Bord tal-Appell, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija magħmula minn elementi magħqudin flimkien "fluege" u ".de", l-ewwel minn dawn l-elementi hija varjanti, miktuba f'forma minuskola u mal-grupp ta' ittri "ue" minflok l-ittra "ü", tal-kelma Ġermaniża "Flüge" (titjiriet) u t-tieni minn dawn l-elementi hija domain tal-ewwel livell assoċjat ma' pajjiż jew ma' territorju indipendenti [country code Top-Level Domain (ccTLD)], f'dan il-każ il-Ġermanja.

22 Il-Bord tal-Appell ikkunsidra li għandu jiġi kkunsidrat, fl-analiżi tal-element "fluege", il-fatt li l-pubbliku rilevanti huwa mdorri għal ċerti karatteristiċi fil-mod kif jinkitbu l-indirizzi tal-internet. Fost dawn il-karatteristiċi, huwa rrileva li dawn l-indirizzi tal-internet huma normalment miktubin b'ittri minuskoli, li l-karattri speċjali bħall-ittri "ä", "ü", "ö" u "β" jiġu ta' spiss sostitwiti mill-grupp ta' ittri "ae", "ue", "oe" u "ss" u li, għal raġunijiet tekniċi, ma setax ikun, jew ma kienx possibbli li jiġu utilizzati dawn il-karattri speċjali. Hija kkunsidrat li, konsegwentement, il-pubbliku rilevanti, li jaf b'dawn il-karatteristiċi, ma jarahomx bħala diverġenzi fir-rigward tal-użu tal-lingwa.

23 Ir-rikorrenti naqset milli serjament tikkontradixxi din il-kunsiderazzjoni. B'mod partikolari, l-allegazzjoni tagħha li biha l-Bord tal-Appell ma huwiex obbligat jieħu inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li juża, mill-2004, il-karattri bl-aċċent (bħalma hija l-ittra "ü") fl-indirizzi tal-internet, ma tikkontradixxix il-fatt, irrilevat mill-Bord tal-Appell, li l-karattri bl-aċċent jiġu ta' spiss issostitwiti minn gruppi ta' ittri u l-evalwazzjoni ta' dan il-Bord li, essenzjalment, il-kelma "fluege" tista' tiġi faċilment ipperċepita mill-pubbliku rilevanti bħala sempliċi varjant ortografiku, li ma hijiex ħaġa rari fil-kuntest tal-internet, tal-kelma Ġermaniża "Flüge".

24 Il-fatt li l-kelma "fluege" hija segwita minn domain tal-ewwel livell ".de" fit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni, mhux qed timplika, kuntrarjament għal dak li tissuġġerixxi r-rikorrenti, żieda fil-livell ta' attenzjoni tal-pubbliku rilevanti fir-rigward tal-kelma.

25 Għall-kuntrarju, il-fatt li s-sinjal li saret applikazzjoni għalih huwa, hekk kif jirriżulta mit-tmiem tiegħu ".de", mill-ewwel jiġi pperċepit mill-pubbliku bħala isem ta' domain u, għaldaqstant, bħala riferiment għal indirizz tal-internet, huwa pjuttost tat-tip li jindika li l-pubbliku jagħti inqas kas għall-fatt li l-kelma "fluege" hija miktuba b'inizjali minuskola u bil-grupp ta' ittri "ue".

26 Ma' dan għandu jingħad ukoll li l-fatt li ma' terminu deskrittiv u nieqes minn karattru distintiv jiġi miżjud element li jikkorrispondi għal domain tal-ewwel livell (pereżempju d-domain tal-ewwel livell ".de") ma għandux l-effett li jagħti lis-sinjal li jirriżulta — għalhekk faċilment identifikabbli mill-pubbliku rilevanti bħala isem ta' domain u, għaldaqstant, bħala riferiment, għal indirizz tal-internet — karattru distintiv. Fil-fatt, il-parti distintiva ta' tali isem ma huwiex id-domain tal-ewwel livell, li ġie eventwalment magħmul minn punt u grupp ta' ittri li jikkorrispondu għal suffiss nazzjonali, iżda l-iktar l-iktar id-domain tat-tieni livell li miegħu jiżdied domain tal-ewwel livell.

27 Fir-rigward tal-argument, kif tagħmel essenzjalment ir-rikorrenti, li trade mark magħmula minn isem ta' domain, ukoll meta hemm terminu deskrittiv, għandu jista' jiġi protett fuq il-bażi li kull min juża l-internet jaf li, anki fl-aħħar ta' isem ta' domain iffurmat minn terminu deskrittiv, ikun hemm portal ta' fornitur kummerċjali wieħed biss, tali argument għandu jiġi miċħud.

28 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li isem ta' domain jagħmel riferiment, bħala tali, l-iktar l-iktar, għal indirizz tal-internet, u mhux għall-oriġini kummerċjali ta' prodotti jew servizzi ta' produttur jew fornitur speċifiku. Il-prassi fil-qasam tal-għoti ta' ismijiet ta' domains u l-użu ta' ismijiet ta' domain ma jiddeterminawx kemm huwa xieraq li domain ikun irreġistrat bħala trade mark Komunitarja abbażi tal-motivi assoluti ta' rifjut iddefinit fir-Regolament Nru 207/2009.

29 F'dan ir-rigward, għandha titfakkar in-neċessità li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, id-drittijiet ibbażati fuq ir-reġistrazzjoni ta' isem ta' domain, u min-naħa l-oħra, id-drittijiet ibbażati fuq ir-reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark Komunitarja. Għalhekk, il-fatt li parti jkollha isem ta' domain, bħalma hu l-isem ta' domain "fluege.de", ma jimplikax li l-imsemmi isem ta' domain jista', għalhekk, jiġi rreġistrat bħala trade mark Komunitarja. Sabiex isir dan, għandhom fil-fatt jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha imposti mir-Regolament Nru 207/2009 f'dan ir-rigward (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2007, DeTeMedien vs UASI (suchen.de), T-117/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 44).

30 Għalhekk, kwalunkwe argument li jista' jkun konness mal-assenza ta' rekwiżit ta' disponibbiltà minħabba allegat dritt esklussiv akkwistat fuq l-isem tad-domain inkwistjoni huwa għaldaqstant ineffettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza suchen.de, punt 29 iktar 'il fuq, punt 44).

31 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidra, essenzjalment, li t-trade mark li saret applikazzjoni għaliha tista' tiġi pperċepita faċilment mill-pubbliku rilevanti bħala isem ta' domain li jagħmel riferiment għal indirizz ta' paġna tal-internet fid-domain ta' trasport bl-ajru u ta' titjiriet.

32 Ir-rikorrenti ssostni li, anki jekk il-pubbliku rilevanti jifhem it-trade mark li għaliha qed issir l-applikazzjoni fis-sens ta' isem ta' domain li jagħmel riferiment għal indirizz tal-internet Ġermaniż li jipproponi titjiriet, is-servizzi kkontestati ma joffru l-ebda relazzjoni, jew ma għandhomx relazzjoni suffiċjenti, mal-offerta għal titjiriet.

33 Ir-rikorrenti ssostni li ma jista' jiġi pperċepit, mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ebda sinjifikat deskrittiv f'dak li jikkonċerna s-servizzi ta' "reklamar", ta' "amministrazzjoni kummerċjali" u ta' "funzjonijiet ta' uffiċċju" (fil-klassi 35) li huma rilevanti għal kull attività kummerċjali, lanqas f'dak li jikkonċerna s-"servizzi ta' forniment ta' ikel u xorb" u s-"servizzi ta' akkomodazzjoni" (fil-klassi 43), lanqas saħansitra, fir-rigward tal-attività tagħha bħala sempliċi intermedjarja għall-bejgħ ta' titjiriet, f'dak li jirrigwarda s-"servizzi ta' trasport", l-"ippakkjar u [l-]arranġamenti għall-ivvjaġġar" (fil-klassi 39).

34 Fid-deċiżjoni appellata, il-Bord tal-Appell kkunsidra li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienet deskrittiva fir-rigward tas-servizzi kollha kkontestati.

35 Fil-punt 21 tad-deċiżjoni appellata, il-Bord tal-Appell irrileva, b'mod partikolari, li r-"reklamar" jinkludi wkoll ir-reklamar għal titjiriet u għall-impriżi ta' trasport bl-ajru, li l-"amministrazzjoni kummerċjali" u l-"funzjonijiet ta' uffiċċju" jistgħu jkollhom karattru speċjali, orjentat skont il-ħtiġijiet partikolari ta' impriżi tat-trasport bl-ajru, li t-"trasport" jinkludi t-trasport bl-ajru, li l-"ippakkjar u l-ħażna ta' oġġetti" tista' tilħaq l-għan sekondarju tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, li l-"arranġamenti għall-ivvjaġġar" u s-"servizzi ta' forniment ta' ikel u xorb" jinkorporaw l-arranġamenti ta' vjaġġi bl-ajru u l-ikel tal-passiġġieri fuq l-ajruplan u, fl-aħħar nett, li s-"servizzi ta' akkomodazzjoni" jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet partikolari ta' dawk li jivvjaġġaw bl-ajru bħal, pereżempju, fil-każ ta' lukandi tal-ajruporti.

36 Il-Bord tal-Appell ikkunsidra li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ttrażmettiet, għaldaqstant, lill-pubbliku rilevanti, informazzjoni manifesta u diretta dwar in-natura tas-servizzi kkontestati (punti 22 u 23 tad-deċiżjoni appellata) u li l-imsemmija trade mark hija, għalhekk, deskrittiva tas-servizzi fis-sens tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 2009/207.

37 Din l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell ma hijiex, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, żbaljata.

38 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, sa fejn hija ta' natura li tiġi pperċepita faċilment mill-pubbliku rilevanti bħala isem ta' domain li jagħmel riferiment għall-indirizz ta' paġna tal-internet fil-qasam tat-trasport bl-ajru u tat-titjiriet, hija deskrittiva, fis-sens tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, tas-servizzi ta' "trasport" fil-klassi 39 u, b'mod iktar partikolari, fi ħdan ta' dawn is-servizzi, servizzi tat-trasport bl-ajru.

39 F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza allegata mir-rikorrenti, li l-attività konkreta tagħha ma hijiex attività tat-trasport bl-ajru, iżda attività ta' intermedjarja għall-bejgħ ta' titjiriet, hija kompletament irrilevanti. Fil-fatt, l-evalwazzjoni tan-natura reġistrabbli ta' trade mark fir-rigward tar-raġuni assoluta għal rifjut ibbażata fuq l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, bl-ebda mod ma tiddependi fuq l-attività konkreta tal-applikant għat-trade mark, iżda biss fuq jekk din it-trade mark hijiex deskrittiva fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi bħal dawk li jidhru fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark.

40 Għandu jingħad ukoll li l-fatt li sinjal verbali jkun deskrittiv fir-rigward ta' parti biss tal-prodotti jew servizzi li jaqgħu taħt kategorija msemmija bħala tali fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ma jipprekludix li r-reġistrazzjoni ta' dan is-sinjal verbali tiġi rrifjutata. Fil-fatt, jekk f'każ bħal dan, is-sinjal inkwistjoni kien irreġistrat bħala trade mark Komunitarja għall-kategorija msemmija, xejn ma jipprekludi l-proprjetarju tagħha milli jużaha wkoll għal prodotti u servizzi ta' din il-kategorija li għalihom huwa deskrittiv (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2008, Reber vs UASI — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (Mozart), T-304/06, Ġabra p. II-1927, punt 92, u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza TRUEWHITE, punt 16 iktar 'il fuq, punt 27).

41 Sussegwentement, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija wkoll, lil hinn mis-servizzi ta' "trasport", deskrittiva ta' servizzi oħra kkontestati msemmija fl-applikazzjoni tat-trade mark, għandu jiġi kkonstatat, hekk kif għamel il-Bord tal-Appell u għar-raġunijiet imfakkrin fil-punt 35 iktar 'il fuq, li dawn is-servizzi l-oħra, iddefiniti ampjament fl-applikazzjoni tat-trade mark, jistgħu kollha jiġu pprovduti fil-qasam u b'rabta stretta mat-trasport bl-ajru u t-titjiriet.

42 Peress li r-rikorrenti ma għamlet l-ebda limitazzjoni fl-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni tat-trade mark sabiex teskludi mill-portata ta' din l-applikazzjoni lil dawk is-servizzi l-oħra kkontestati sa fejn ikunu pprovduti fil-qasam tat-trasport bl-ajru u tat-titjiriet, ġustament ikkonkluda l-Bord tal-Appell, għar-raġunijiet imsemmija, b'mod partikolari, fil-punti 20 sa 22 tad-deċiżjoni appellata, li

t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, hija deskrittiva, skont l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, ta' dawk is-servizzi l-oħra kkontestati msemmija fl-applikazzjoni għat-trade mark (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ġunju 2005, Wilfer vs UASI (ROCKBASS), T-315/03, Ġabra p. II-1981, punt 70; ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-11 ta' Frar 2010, Deutsche BKK vs UASI (Deutsche BKK), T-289/08, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 49).

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li dan il-motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

44 Ir-rikorrenti ssostni li, inkunsiderazzjoni tal-karattru mhux tas-soltu tat-terminu bil-Ġermaniż "fluege" u tal-attenzjoni partikolari tal-pubbliku rilevanti li tirriżulta biss mir-reġistrazzjoni ta' domain tal-internet, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tagħha għandha l-minimu rikjest ta' karattru distintiv sabiex tiġi ġġustifikata r-reġistrazzjoni tagħha.

45 L-UASI jikkontesta l-pożizzjoni tar-rikorrenti.

46 Għandu jitfakkar li s-sovrapożizzjoni bejn ir-raġunijiet assoluti għal rifjut timplika, b'mod partikolari, li trade mark verbali deskrittiva tal-karatteristiċi ta' prodotti jew ta' servizzi tista', minħabba dan il-fatt, tkun nieqsa mill-karattru distintiv fir-rigward ta' dawn l-istess prodotti jew servizzi, bla ħsara għal raġunijiet oħra li jistgħu jiġġustifikaw dan in-nuqqas ta' karattru distintiv (ara, id-Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI, C-282/09 P, Ġabra p. I-2395, punt 52, u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 F'dan il-każ, ġie kkonstatat li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta kkonkluda li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għandha karattru deskrittiv fir-rigward tas-servizzi kkontestati. F'dan il-kuntest, ġie rrilevat b'mod partikolari, li l-fatt li jiġi miżjud terminu deskrittiv li huwa nieqes mill-karattru distintiv, ma' punt u grupp ta' ittra li jikkorrispondu għal domain tal-ewwel livell, ma għandux bħala effett li jagħti lis-sinjal riżultanti, li huwa b'hekk faċilment identifikabbli mill-pubbliku rilevanti bħala isem ta' domain li jirreferi għal indirizz tal-internet, karattru distintiv.

48 Minn dan isegwi li dan il-motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-karattru distintiv akkwistat permezz tal-użu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni

49 Ir-rikorrenti sostniet li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni akkwistat karattru distintiv bl-użu li sar fil-Ġermanja kif ukoll fit-territorji l-oħra tal-Unjoni fejn huwa mitkellem il-Ġermaniż. Hija pproduċiet dokumenti f'dan ir-rigward u minn dawn ġie dedott li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għandha tkun irreġistrata u li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi annullata.

50 L-UASI sostna li l-karattru distintiv akkwistat bl-użu ġie invokat tardivament quddiem il-Qorti Ġenerali u li bl-ebda mod ma ġie stabbilit.

51 Għandu jitfakkar li l-appell li tressaq quddiem il-Qorti Ġenerali huwa intiż sabiex tiġi mistħarrġa l-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell tal-UASI skont l-Artikolu 65 tar-Regolament Nru 207/2009. Barra dan, l-Artikolu 135(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprovdu li n-noti tal-partijiet ma jistgħux ibiddlu s-suġġett tal-kawża quddiem il-Bord tal-Appell.

52 F'dan il-każ, mill-proċess jirriżulta li r-rikorrenti ma invokatx, fil-kuntest tal-proċedura quddiem l-UASI, il-fatt li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kienet akkwistat karattru distintiv minħabba l-użu tagħha, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009. Għaldaqstant, il-kwistjoni tal-karattru distintiv wara l-użu li kien sar tas-sinjal verbali inkwistjoni ma ġiex diskuss quddiem l-UASI.

53 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-invokazzjoni, kemm fi proċedura *ex parte* kif ukoll fi proċedura *inter partes*, tal-karattru distintiv akkwistat permezz tal-użu tikkostitwixxi kwistjoni ta' dritt awtonoma meta mqabbla ma' dak tal-karattru distintiv intrinsiku tat-trade mark inkwistjoni. Għalhekk, fl-assenza ta' invokazzjoni, mill-parti quddiem l-UASI, tal-karattru distintiv akkwistat mit-trade mark tagħha, l-UASI ma kellux għalfejn jeżamina *ex officio* l-eżistenza ta' dan il-karattru distintiv (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 2010, Baid vs UASI (LE GOMMAGE DES FACADES), T-31/09, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 41, u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Għalhekk, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni, li ma kinitx parti mis-suġġett tal-kawża quddiem il-Bord tal-Appell.

55 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-rikors għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

57 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress illi r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż, skont it-talbiet tal-UASI.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Unister GmbH għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

Forwood Dehousse Schwarcz

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Mejju 2013.

Firem